TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 190/10

**Rosario Bonnici**

**vs**

**Cutajar Ltd.**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* li qed juri sinjali tà' difetti fuq l-estern tat-tank fejn ikun maħzun l-ilma.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa xtara *solar water heater* u t-tank ta' l-ilma beda jkollu diversi għafsiet illi għalkemm għadu jsaħħan, ir-rikorrenti qed jinkwieta li s-*solar water heater* se jkollu ħsara permanenti.

L-intimat issottometta bil-miktub illi s-*solar water heater* għandu seba' snin garanzija u ma jistax jiggarantixxi li t-tank ta' l-ilma jżomm il-kundizzjoni estetika bħal meta jkun ġdid, minħabba l-fatt li dawn l-għafsiet setgħu ġraw b'rizultat ta' xi elementi u għalhekk mhux it-tort tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi għalkemm it-tank ta' l-ilma huwa parti mis-sistema kollha u li għalkemm l-għafsiet jidhru evidenti mir-ritratti, mhux qed ixekkel l-użu tas-*solar water heater*.

It-Tribunal, xorta jikkonkludi li *solar water heater* huwa appożitament impoġġi barra u li allura għandu jiflaħ għall-elementi kollha u mhux inħarġu dawn l-għafsiet illi jidhru evidenti u li huma ta' ċertu portata, li eventwalment jistgħu jwasslu għall-ħsarat permanenti fit-tank ta' l-ilma.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**